KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 416 (8-42)

It-Tnejn 20 ta’ Diċembru 2021 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa’ fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit (daħlet fis-6.00pm)
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant (daħal fis-6.05pm)
Il-Kunsillier Julian Borg (ħareġ 5.45pm)
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**416.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Adrian Farrugia.

**416.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 415. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**416.2.1 Punti li joħorġu mill-Minuti**

415.2.3 Il-Kunsilliera Francine Farrugia rreferiet għal attivitajiet fejn ma jiġux mistiedna l-Kunsilliera kollha, u qalet li mill-midja soċjali saret taf li kien hemm attivita' ta' taħwil ta' siġar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-attivita' kienet inizjattiva tal-iskola tas-Siġġiewi u l-Kunsill ġie infurmat peress li s-siġar tħawlu f'żona pubblika. Hija qalet li m'hemmx kontroll jew obbligu fuq min ikun mistieden ġaladarba l-attivita' hija organizzata minn terzi.
Il-Kunsilliera Francine Farrugia rreferiet għal attivita' tal-anzjani li saret dan l-aħħar fiċ-Ċentru Ċiviku. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din kienet organizzata mid-Dipartiment tal-Anzjani u l-Management tad-Day Centre u kienu mistiedna s-Sindku, l-Viċi Sindku u hi bħala Segretarju Eżekuttiv.

**416.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**416.3.1** Is-Sindku informa li l-laqgħa fuq proposti tat-traffiku li kellha ssir iktar kmieni llum kellha tiġi mħassra minħabba li l-persuni involuti jinsabu indisposti.

**416.3.2** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-Kunsilliera biex ikunu puntwali għas-Seduti tal-Kunsill. Huwa qal li min ma jkunx ser jattendi għandu jinforma minn qabel lis-Segretarju Eżekuttiv kif titlob il-liġi. Huwa qal li l-ħin hu prezjuż għal kulħadd u b'assentejiżmu mingħajr avviż jista' ma jkunx hemm kworum għas-Seduti b'ħela ta' ħin għal min ikun attenda. Huwa qal li s-Seduti ikunu skedati minn qabel u allura kulħadd ikun jaf li dak inhar huwa impenjat. Is-Sindku talab biex kulħadd juri rispett u jagħmel l-obbligu tiegħu.

**416.3.3** Is-Sindku qara l-korrispondenza mingħand ic-CEO tal-LESA fejn irrefera għal komunikat preċedenti rigward l-aċċess tar-residenti bil-vetturi fi Triq Ħal Xluq fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola. Is-Sindku qal li l-permess (pass) li inħareġ lir-residenti u sidien tal-garaxxijiet ser jiġi revokat u mhux sa jibqa effettiv mill-1 ta' Jannar 2022, u l-ebda vettura mhi ħa jkollha aċċess fil-ħinijiet kif indikati fuq it-tabella. Huwa qal li l-Kunsill għandu jinforma lir-residenti b'dan permezz ta' komunikat. Huwa qal li s-siġurta' tat-tfal hija projorita' assoluta.

**416.3.4** Is-Sindku rrefera għal komunikat mal-ERA rigward it-tiswija infrastrutturali tal-bridge tat-triq ta' Għar Lapsi. Huwa qal li l-ERA talbu konferma ta' pjan kompensatorju ta' taħwil ta' siġar għal dawk li ser jinqalgħu. Is-Sindku qal li l-Kunsill ikkonferma u qed jitlob lil Infrastructure Malta biex isir ix-xogħol meħtieġ kemm jista' jkun malajr u qed jitlob timeframe ta' meta ser isir ix-xogħol.

**416.3.5** Is-Sindku rrefera għal aħħar laqgħa ma' uffiċjali ta' Infrastructure Malta. Hu qal li intalab timeframe għall-interventi neċessarji fi Triq il-Parroċċa, u Triq San Nikola, u qed nistennew risposti dwar id-diversi talbiet li ssemmew.

Il-Kunsillier Julian Borg ħareġ fil-5.45pm. Peress li ma kienx hemm kworum, is-Sindku ddikjara is-Seduta sospiża.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit daħlet għal laqgħa fis-6.00pm.
Is-Sindku fetaħ is-Seduta.
Il-Kunsillier Kurstein Sant daħal għal laqgħa fis-6.05pm.

**416.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**416.5 Approvazzjoni tal-emendi tal-pjanti tal-proġett ta' spazju miftuħ fi Triq Ramija**

Is-Sindku preżenta l-aħħar pjanta emendata tal-proġett. Huwa qal li skond l-informazzjoni, l-applikazzjoni ġiet sottomessa mal-Awtorita' tal-Ippjanar u qed tiġi proċessata.

**416.6 Aġġornament dwar l-applikazzjoni dwar il-proġett ta' Family park fi Triq Salvu Curso**

Is-Sindku qal li wara t-testijiet tal-blat li saru fuq is-sit, kellhom isiru xi emendi fil-pjanti biex titkabbar il-ġiebja tal-ilma biex tkun tista tissuplixxi ilma biżżejjed għas-siġar u pjanti pjanati li jitħawlu fuq il-post. Saru emendi wkoll fuq ir-retaining wall kif kif oriġinarjament.

**416.7 Ftehim bejn il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi u l-Każin Banda San Nikola dwar il-Monument ta' Dott. Nikola Zammit fis-Siġġiewi**

Is-Sindku qal li wara laqgħa mal-President tal-KBSN, talbu li jkun hemm ftehim wieħed għaż-żewġ siti proposti. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li fuq sit minnhom, il-Kunsill għandu riżervi, kif diskuss f'Seduti preċedenti, u anka ssemma li fil-futur hemm proġett maħsub minn Transport Malta għad-daħla tas-Siġġiewi. Il-KBSN proponew li l-proposta tagħhom titressaq lil TM, biex tkun amalgamata ma' proġetti futuri. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir talba lil KBSN biex jippreżenta lil Kunsill abbozz tal-ftehim kif qed jiġi propost biex ikun jista' jiġi mgħoddi lill-Avukat tal-Kunsill għal parir legali fuq l-obbligi miż-żewġ partijiet u eventwalment jerġa' jitressaq quddiem il-Kunsill.

**416.8 Aġġornament dwar l-ingaġġ ta' Uffiċjal tal-komunita' b'risq l-annimali fil-lokalita'**

Wara diskussjoni rigward l-ingaġġ ta' uffiċjal fuq bażi full-time mal-Kunsill, u wara li Kunsill qabel li ma hemmx lok ta' 40 siegħa fil-ġimgħa għal dan is-servizz, ġiet mistħarrġa l-possibilta' li l-impjeg ikun fuq bażi part-time. Ġie ssuġġerit ukoll li, peress li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, minn Jannar ser issa jkun parti minn Reġjun ġdid, tal-Punent, jiġi inkluż fis-servizz fuq bażi Reġjonali, meta dan ikun disponibbli.

**416.9** **Attivita' Milied fis-Siġġiewi – rendikont**

Is-Sindku qal li kienet ġimgħa impenjattiva li rriżultat f'attivita' suċċess, minkejja r-restrizzjonijiet preżenti. Is-Sindku rringrazzja l-Kunsilliera li kkollaboraw fl-organizzazzjoni, kif ukoll lill-għaqdiet li taw is-sehem tagħhom.

Is-Sindku semma wkoll l-attivita' Achievers, li saret b'kollaborazjoni mal-Għaqda tal-Football. Huwa rringrazja b'mod speċjali lill-Kunsilliera Francine Farrugia tal-koordinament biex din l-attivita' setgħet isseħħ. Minn naħa tagħha il-Kunsilliera Francine Farrugia irringrazjat lis-Segretarju Eżekuttiv għall-kollaborazzjoni u ħidma biex din l-attivita' setgħet issir f'qasir żmien, u l-impjegata tal-Kunsill li kienet preżenti dak inhar tal-attivita'. Hija qalet li attivitajiet simili għandhom isiru regolarment u b'iktar preparazzjoni biex l-attendenza tkun akbar.

Is-Sindku semma wkoll l-inawgurazzjoni tal-istatwa ta' San Nikola fil-Pjazza, u qal li fil-jiem li ġejjin, dejjem jekk it-temp jippermetti fadal l-aħħar ftit xogħolijiet biex dan il-proġett, b'fondi Ewropej ikon lest sal-aħħar tas-sena. Is-Sindku rringrazzja lil kull min kien involut biex daw l-attivitajiet setgħu iseħħu. Is-Sindku qal li jistenna li kull Kunsillier jagħti is-sehem tiegħu kif mistenni, b'mod speċjali fid-dekasteri li ġew fdati lilu. Huwa saħaq iktar involviment mill-Kunsilliera. Is-Sindku irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill u qal li dawn diġa impenjati fix-xogħol amministrattiv u jitlob lill-Kunsilliera is-sehem tagħhom.

**416.10** **Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati għas-sena ta' ħidma 2021**

Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-ħidma tagħhom matul is-sena u propona li l-performance bonus lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-impjegati tal-Kunsill għas-sena ta' ħidma 2021 jingħata għall-massimu li tipprovdi l-liġi.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**416.11** **Laqgħa tal-Lokalita' kif provdut fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993**

Is-Sindku propona li l-laqgħa tal-lokalita' issir nhar it-Tnejn 31 ta' Jannar 2022, fis-6.00ta' filgħaxija, fis-Sala tal-Kunsill. Hu qal li minkejja r-restrizzjonijiet preżenti relatatati mal-pandemija, il-pubbliku li jixtieq jattendi għandu jirreġistra qabel, u l-attendenza tkun limitata. Madankollu, min jixtieq iressaq ilmenti, suġġerimenti jew xi komunikat ieħor lill-kunsill jista' xorta jikkomunika mal-uffiċċju tal-Kunsill.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera, li kif rikjest f'Artikolu 33, kull kunsillier għandu jippreżenta rapport dwar il-ħidma tiegħu relatata mar-responsabiltajiet biex tiġi inkluża fir-Rapport Amministrattiv.

**416.12** **Tiġdid tal-Polza ta' assikurazzjoni tas-saħħa 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għal Ċirkulari AKL 2021/130 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2022. Is-Sindku propona li l-polza tiġi estiża għas-sena 2022. Il-Kunsill unanimament approva t-tiġdid.

**416.13** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.
Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi rimarki dwar xi applikazzjoni. Ma kien hemm ebda rimarka.

**416.14** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Sindku irrefera għal korrispondenza mis-Sindku tal-Belt Vittoria fi Sqallija, fejn qed jitolbu l-possibilta' li terġa tingħata ħajja lill-ġemellaġġ li hemm bejn din il-Belt u is-Siġġiewi. Is-Sindku ta' Vittoria qed jipproponi kollaborazzoni bejn iż-żewġ lokalitajiet fuq lat soċjali, kulturali u ekonomiku bejn iż-żewġ komunitajiet. Is-Sindku qal li hija ħasra li hemm ġemellaġġ eżistenti u m'hemm l-ebda inizjattiva bejn iż-żewġ pajjiżi. Huwa propona li din it-talba tintlaqa', u jsir komunikat mal-Kunsill ta' Vittoria biex jerġa jinbeda il-kuntatt.

**416.15** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**416.16** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Francine Farrugia issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**416.17** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**416.17.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia saqsiet jekk hemmx xi aġġornament fuq xogħolijiet li ser isiru minn Infrastructure Malta mit-talbiet li ressaq il-Kunsill, fosthom lista ta' toroq tal-bdiewa li qed jitranġaw, tkomplija ta' Triq il-Muża bis-sinjali tat-traffiku, mirja u sinjali, u aġġornament tax-xogħolijiet pendenti fosthom it-Triq Ta' Manduca.

**416.17.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia irreferiet għad-diversi ilmenti dwar ġbir ta' skart u talbet jekk hux qed isir follow-up, fosthom dwar taħlit tal-boroż ta' skart organiku u domestiku.

**416.17.3** Il-Kunsillier Kurstein Sant ġibed l-attenzjoni li hemm xi ħofor fi Triq Blat il-Qamar, Ta' Kandja, Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa.

**416.17.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hemm diversi slieħi fil-ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Qrendi u l-ġebel qiegħed jagħlaq parti mill-karreġġata. Qalet ukoll li hemm tappiera miftuħa fit-triq bejn is-Siġġiewi u Ħaż Żebbuġ. Is-Segeratrju Eżekuttiv qalet li diġa ġew infurmati l-awtoritajiet konċernati.

**416.18** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-7.10 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 25 ta' Jannar 2022

| | |
|---|---|
| Dominic Grech<br>Sindku | Ritienne Giorgino<br>Segretarju Eżekuttiv |